**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 14 ta' Marzu, 2002**

Citazzjoni Numru: **176/02TM**

Numru**: 7**

**Sunny u Gaerty mizzewgin Bezzina; Bartholomeo sive Albert u Mary Anne mizzewgin Bezzina**

vs

**Alfred Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-atturi ippremettew illi, in forza ta' skrittura privata tal-11 ta' Frar tas-sena elfejn (2000) li giet esebita u markata Dok. "A", l-atturi ikkoncedew lill-konvenut b'titolu ta' lokazzjoni (kera) il-fond livell ta' *basement*, minghajr numru, fi Triq San Mikiel, San Gwann, konfinanti minn Nofsinhar ma' l-imsemmija Triq, mill-Lvant ma' beni ta' Josephine Xuereb, mill-Punent ma' beni ta' Alfred Portelli sottopost ghall-beni ta' l-istess atturi u versu l-partijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess skrittura.

Ippremettew, illi, l-konvenut huwa moruz fi tmintax-il (18) skadenza ta' xahar kera bil-quddiem u cioe' dawk ta' l-11 ta' Settembru, 2000 sal-11 ta' Frar, 2002.

Ippremettew illi, minkejja diversi interpellanzi, inkluza dik ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2001 li kopja taghha giet esebita u mmarkata bhala Dok "b", il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ippremettew illi, fil-fehma ta' l-istess atturi, l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'iressaq f'din il-kawza, u ghalhekk ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq. Tal-Kodici ta' L-Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet.

Talbu biex ighid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet;

(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-imsemmi fond f'livell ta' *basement*, minghajr numru, fi Triq San Mikiel, San Gwann, konfinanti minn Nofsinhar ma' l-imsemmija Triq, mil-Lvant ma' beni ta' Josephine Xuereb, mill-Punent ma' beni ta' Alfred Portelli sottopost ghall-beni ta' l-istess atturi ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju, 2001 u bir-rizerva ghall-azzjoni ghall-hlas ta' l-imsemmija arretrati ta' kera, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut u tikkundanna lill-konvenut jizgombra mill-fond indikat fic-citazzjoni fi zmien gimgha mill-lum.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja